2025/1281

27.6.2025

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2025/1281

tas-26 ta' Ġunju 2025

li temenda d-Deċiżjoni 2013/233/PESK dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri fil-Libja (EUBAM Libya)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 42(4) u l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-22 ta' Mejju 2013, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2013/233/PESK ([1]) li tistabbilixxi l-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri fil-Libja (EUBAM Libya).

(2) Fis-26 ta' Ġunju 2023, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2023/1305 ([2]) li tadatta u testendi sat-30 ta' Ġunju 2025 il-mandat ta' EUBAM Libya.

(3) Fis-16 ta' April 2025, fil-kuntest tar-rieżami strateġiku tal-EUBAM Libya, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà qabel li l-mandat ta' dik il-missjoni jenħtieġ li jiġi estiż b'sentejn.

(4) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2013/233/PESK tiġi emendata skont dan.

(5) EUBAM Libya ser titmexxa fil-kuntest ta' sitwazzjoni li tista' tiddeterjora u li tista' timpedixxi l-kisba tal-objettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni kif jinsab fl-Artikolu 21 tat-Trattat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2013/233/PESK hija b'dan emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 13(1) jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa ta' EUBAM Libya mill-1 ta' Lulju 2025 sat-30 ta' Ġunju 2027 għandu jkun ta' EUR 51 969 371,38.";

(2) l-Artikolu 16, huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 16*

Dħul fis-seħħ u żmien

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Hija għandha tapplika sat-30 ta' Ġunju 2027.".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/233/PESK tat-22 ta' Mejju 2013 dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri fil-Libja (EUBAM Libya) (ĠU L 138, 24.5.2013, p. 15, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2013/233(1)/oj).

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/1305 tas-26 ta' Ġunju 2023 li temenda d-Deċiżjoni 2013/233/PESK dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri fil-Libja (EUBAM Libya) (ĠU L 161, 27.6.2023, p. 68, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2023/1305/oj).

Għandha tapplika mill-1 ta' Lulju 2025.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Ġunju 2025.

Għall-Kunsill

Il-President

A. SZŁAPKA